**Huma t-Tnejn**

Huma t-Tnejn
Li jħobbuna,
L-Omm li tħarisna
U l-Iben jeħlisna.

Huma t-Tnejn
Hawn Marija,
Magħha hemm Ġesù
Mimlijin tjubija.

Huma t-Tnejn
Jibqgħu magħna,
Kif jitilquna
In-nies ta' madwarna.

Huma t-Tnejn
Iseħbuna,
Meta niżgarraw
U l-oħrajn jgħajruna.

Huma t-Tnejn
Kif ħajjitna,
Tibda tintemm u
Lura tmur saħħitna.

Huma t-Tnejn
Bir-Rużarju,
Bl-Ewkaristija
Saħħa fil-Kalvarju.

Huma t-Tnejn,
Ifarrġuna,
Ejj'inħobbuhom
Il-Ġenna joħduna.

Patri Mario Attard OFM Cap
20 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.